# ODYSSEUS

J. P. VASSALLO

Għaddew is-snin fuq Ithaca, it-tarġa,
    Xbajt u għajejt ta Troja ntenni l-ġrajja;
Inċaqlaq xettru fuq daqsxejn ta' poplu,
    Ma' ibni u marti 'l hawn u 'l hemm nitlajja.

Meta fix-xitwa s-sema tbaxxa mdallam,
    Faqqgħu sajjetti u ħalel kissru l-blat,
Xegħlet ġo fija x-xewqa tat-taqbida
    U qalbi xtarret dak li darba rat.

U ġbart lil sħabi biex darb'oħra nbaħħru
    Nifthu il-qlugħ darb'oħra għat-tiġrib,
Għajnejna msammra fuq kewkbiet is-safar,
    Wiċċna maħsul bir-raxx li l-mewġ iġib.

Ħallejt il-gżira sbejħa donnha ħawħa,
    L-għażiża sieħba — lil Penelope —
U ġens qalbieni, iżda sħiħ fit-tjieba
    Telemaku ibni biex isaltan re.

X'għaxqa ta' ilħna meta l-mewġ ibewwes
    U jħaddan b'żina tad-dgħajsa il-ġenbejn,
Li fuq il-mewġa bi tnehida taqbeż
    U f'mewġa oħra tmelles il-ħaddejn.

Xemx wara xemx dawlulna l-ġirja tagħna,
    Sirti ħallejna, ħallejna Ġebel Nar,
U għodwa waħda fuq ix-xefaq ikħal
    Dehret iż-żokra tal-baħar f'nofs inhar.

Maqdes fuq maqdes, u nċens iċajpar sema,
    Qala' mill-isbaħ ta' tas-sliem il-wegħda;
Iżda fid-dħul b'dwiefer u njieb ta' tigra,
    Heddu żewġ Mostri: l-Għira u l-Mibegħda.

**Diċembru 1973**